KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ**

**IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA**

***Laqgħa Numru Tlieta u Sebgħin (73)***

***It-Tlieta, 12 ta' Marzu, 2024***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIER | ANTHONY VELLA |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa. Il-Laqgħa bdiet fis-6.15pm.

**73.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

73.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

73.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 72 li nżammet nhar it-Tnejn, 19 ta' Frar, 2024.

73.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 72 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

73.2.3 **Mozzjoni 73-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 72.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech

Il-Minuti Numru 72 ġew approvati unanimament.

**73.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 73(08) – Marzu 2024***

73.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 73(08) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 11193 sa 11238 kif ukoll cheque bin-numru 7233 (11212) li jammontaw €39,733.96

73.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

73.3.3 **Mozzjoni 73-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 73(08) bl-ammont ta' €39,733.96

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 73(08) ġiet approvata unanimament.

**73.4 <u>Jum Ħal Għaxaq</u>**

73.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-lista tal-mistednin għar-riċeviment ta' Jum Ħal Għaxaq. Il-lista ġiet approvata mill-membri preżenti.

73.4.2 Il-Kunsill qabel li bħala post, l-attivita' tista' ssir fi Ġnien Elfejn fejn l-ewwel issir il-quddies, wara jingħataw ir-rikonoxximenti u jsegwi b'riċeviment żgħir tal-okkażjoni. Il-Ħadd se jsir it-Tberik tal-annimali fejn il-Kunsillier Anthony Vella qed jikkomunika mal-Ministeru tal-Kura u l-Ħarsien tal-Annimali fejn urew ix-xewqa li din l-attivita' issir bil-kollaborazzjoni tagħhom u jisponsorjaw it-trophies u l-permessi tal-pulizija. Kulħadd huwa mistieden għal din l-attivita' li se jiltaqgħu fejn il-Monument tal-Annimali u jinżlu minn Triq il-Gudja għal Pjazza u jibqgħu niżlin sal-fetħa fi Triq Santa Marija. Il-Kunsillier Keith Fenech sostna li għal din l-attivita' jrid ikun hemm il-preżenza tal-pulizija minħabba safety speċjalment fil-Bypass. Dwar dan il-Kunsill qabel.

*F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda il-Kunsillier Anthony Vella (6:45pm)*

73.4.3 Is-Sindku Darren Abela talab lill-Kunsilliera jressqu in-nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħal Għaxaq kif ukoll rikonoxximenti oħra. Is-Sindku issuġġerixxa li jingħata rikonoxximent lis-Sur Andreas Gatt għal ħidma tiegħu bħala Kunsillier f'din il-Legislatura. Is-Sindku semma ukoll xi persuni għaxqin li qed jagħtu servizz fuq bażi nazzjonali li huma:
Is-Sur Angelo Gafa – Kummissarju
Is-Sinjura Victoria Buttigieg – Avukat Ġenerali
Is-Sur Ivan Vella - Direttur tal-EUFA
Il-Kunsilliera Rose Agius ma qablitx li s-Sur Angelo Gafa jingħata Ġieh Ħal Għaxaq. Għaldaqstant is-Sindku issuġġerixxa li dawn il-proposti jiġu deċiżi fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

73.4.4 Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona lil Ġieħ Ħal Għaxaq jingħata lill-Kunsilliera Rose Agius għat-tletin sena servizz li tat lill-Kunsill Lokali. Dwar din il-proposta kien hemm qbil unanimu.

73.4.5 Il-Kunsillier Anthony Vella ssuġerixxa li tingħata rikonoxximent is-Sinjura Sina Vella li għalkemm ħalliet din id-dinja kienet tagħmel ħafna xogħol mal-Community Chest Fund u Marigold Foundation. Is-Sindku Darren Abela qal li f'dal-każ iridu nikkunsidraw diversi nies oħra li jagħmlu ħafna volontarjat u irridu nżommu f'moħħna li b'dawn ir-rikonoxximenti ma noħolqux preċedenti. Għaldaqstant l-aħjar li d-deċiżjoni tittieħed fil-Laqgħa li jmiss.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa il-Kunsillier Keith Fenech talab li jkun skużat (19:20)*

**73.5 Applikazzjonijiet għal post vakanti ta' skrivan (Skala 15)**

73.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wara li ħarġet is-sejħa interna fil-Kunsilli Lokali għal post vakanti ta' skrivan, il-Kunsill Lokali irċieva żewġ applikazzjonijiet. Dawn se jiġu msejjħa jattendu għal intervista mal-Bord tal-għażla fil-ġranet li ġejjin.

73.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet dwar min hu interessat jagħmel parti mill-Bord tal-Għażla. Is-Sindku Darren Abela, Il-Vici Sindku Christine Dalli u il-Kunsilliera Rose Agius se jkunu parti mill-Bord flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

**73.6 Korrispondenza**

73.6.1 Tressqu kwotazzjonijiet għal bdil tar-rubber tiles fi Ġnien Emanuel Vassallo. L-ispiża tax-xogħlijiet kollha tammonta għal €8071.20. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-rubber tiles jista' jitranġa ukoll. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jitlob xi tkopri l-garanzija fuq dan ir-rubber tiles għax jekk se jerġa jsir kif inhu, il-probabilita' li jerġa jinqala'. F'każ li l-garanzija ma tkoprix manutenzjoni, il-Kunsill jista' jara kif jirranġah. Sadanittant se nkunu qegħdin nitolbu stima biex isir rubber flooring minflok tiles.

73.6.2 Tressqet korrispondenza rigward l-iskips li l-Kunsill qiegħed jissuplixxi barra mit-tender tar-Reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-iskip li hemm fejn iċ-Ċimiterju qed titħallas fix-xahar lir-Reġjun. Apparti din il-Kunsill qed iħallas skip oħra għaċ-Ċimiterju li din qed titħallas direttament lill-kuntrattur. L-ispiża għal din l-iskip żdiedet għal €100 fix-xahar eskluż il-VAT. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret ukoll li dan is-servizz qed jingħata ukoll lill-iskola, bl-istess spiża indikata kif ukoll lin-Nursery. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tkun qed titkellem mar-Reġjun biex tiġi kjarifikata din is-sitwazzjoni u jekk ikun hemm il-bżonn issir laqgħa mal-kuntrattur. Sadanittant il-ħlasijiet għall-iskips se jkunu qed jiġu sospiżi sakemm din is-sitwazzjoni tiġi indirizzata. Dwar dan il-Kunsill qabel.

73.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont tal-ispejjeż li s'issa ġew utilizzati biex jiġu rranġati l-uffiċini tas-sular ta' fuq tal-binja tal-Kunsill.

73.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ħarġet l-iskema tas-CIES biex il-Kunsilli japplikaw. Minħabba li bħalissa hemm miftuħa is-sejħa għall-skrivan ġdid, il-Kunsill mhux se jkun qed japplika għal din l-iskema.

73.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll żewġ applikazzjonijiet għall-rimbors tal-karrijiet ta' din is-sena fejn fost l-irċevuti kien hemm ukoll ħlas għal rimbors ta' xi speakers li ntużaw fil-karrijiet. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jirrifondi biss spejjeż fuq materjal prim li jintuża' biex jinħoloq il-karru. L-ispeaker huwa aċċessorju li m'għandux ikun inkluż fir-rimbors.

73.6.6 Tressqet korrispondenza dwar SPI/SCI/05/2024: Skema għall-attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025 li tagħlaq fis- 26 ta' Marzu 2024. Il-Kunsill qabel li jerġa' japplika għall-attivitajiet tal-Karnival 2025 u jissottometti l-istima ta' spejjeż li saru din is-sena.

**73.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

73.7.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex isiru żewġ tabelli oħra ta' merħba fi Triq Ħas-Saptan u Triq Għar Dalam. Il-Kunsill qabel.

73.7.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex tiġi rilokata siġra f'Dawret Ħal Għaxaq minħabba li qeda quddiem binja li se tiġi żviluppata. Il-Kunsill qabel li tersaq ftit u terġa tinżera' fil-post li ġie propost mill-applikant.

73.7.3 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bżonn jinżabru is-siġar li hemm fi Triq l-Andar li l-friegħi tagħhom qed jostakolaw it-triq. Minħabba li hemm ammont kbir ta' siġar, il-Kunsill qabel li tinġieb stima.

73.7.4 Is-Sindku Darren Abela qal li għadna ma ingħatajniex risposta rigward it-Traffic Management fi Triq il-Bwar. Għaldaqstant din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li l-Kunsill għandu mal-Ministru.

73.7.5 Is-Sindku Darren Abela qal li rigward iċ-ċint fi Trejqet Santu Kristu se jkun qed jieħu l-parir tal-Perit minħabba sigurtà.

73.7.6 Rigward ir-rampa ta' quddiem is-St Philips Pharmacy tlabna kwotazzjoni għax-xogħlijiet iżda qabel issir, il-Kunsill qabel li jitlob l-permess ta' TM.

73.7.7 Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qed jiċċekkja iktar fuq is-sitwazzjoni tal-vetturi abbandunati minħabba li l-Kunsilli qed jiġu mitluba li jneħħu dawn il-vetturi iżda dan jista' joħloq spejjeż żejda lill-Kunsill Lokali għaldaqstant se nkunu qed naraw ma Kunsill oħra rigward il—proċedura li qed jużaw.

73.7.8 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li nhar il-Ħamis se ssir laqgħa mal-Community Police Officers.

**73.8 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

73.8.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li Triq Dun Marcell Mallia fejn saru l-parking bays ġodda, jistgħu joqogħdu tnejn. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se niċċekjaw fuq il-post.

73.8.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm bżonn li l-istop sign tinżel ftit l-isfel fi Triq Dun Marcell Mallia.

73.8.3 Il-Vici Sindku Christine Dalli tkellmet dwar it-talba għal road hump fi Triq il-Fejġel. Għalkemm din it-talba kienet ġa tressqet qabel, u l-Kunsill ma kienx approva minħabba li tista' tkun ta' inkonvenjent għar-residenti tal-madwar, qed terġa tressaq it-talba minħabba li ir-resident ġab l-approvazzjoni tar-residenti tal-madwar. Is-Sindku Darren Abela qal li ma jaqbilx li ssir għax ikun qed jinħoloq preċedenti. Għaldaqstant il-Kunsill approva li jsir tabelli ta' *speed limit residential area*. Il-Vici Sindku qalet li rigward it-talbiet

għal road humps, il-Kunsill m'għandux jieħu pożizzjoni li ma jagħmel l-ebda road hump, imma kull każ għandu jiġi evalwat individwalment.

73.8.4 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm t-tabella maqlugħa fejn tal-ħaxix viċin Santu Rokku biex tinġabar.

73.8.5 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li fi Triq San Pawl hemm ħofra u niżlet it-triq. Il-Kunsill qabel li jinkludiha mal-lista tal-patching.

73.8.6 Il-Vici Sindku Christine Dalli staqsiet dwar il-magna li kellha tingħata mill-Cleansing Dept għat-tindif. Hija qalet li se tkun qed titkellem sabiex naraw meta jistgħu jgħadduhielna, kif ukoll ħaddiem biex jużaha, kif kien miftiehem fil-Laqgħa li l-Kunsill kellu mad-Direttorat.

73.8.7 Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li jinżergħu xi pjanti fil-pots li hemm quddiem il-Maypole. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

73.8.8 Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li nibagħtu lill-ERA biex jinfurzaw lis-sidien ta' l-għelieqi fi Triq il-Belt Valletta biex itellgħu iċ-ċnut fejn m'hemmx.

73.8.9 Il-Kunsillier Anthony Vella ressaq talba sabiex jiżdiedu l-bins fiż-żona taż-Żebbuġ. Il-Kunsill qabel li jagħmel 6 u-bars biex tingħalaq waħda mill-entraturi l-kbar taż-żona taż-żebbuġ.

73.8.10 Il-Kunsillier Anthony Vella ressaq talba sabiex issir road humps fis-service road fejn l-istage ta' fejn il-Convenience. Il-Kunsill approva iżda is-Sindku Darren Abela qal li ma jaqbilx għar-raġunijet imsemmija f'72.11.3

**73.9 <u>Mozzjonijiet</u>**

73.9.1 Annessi mal-Minuti

**73.10 <u>Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

73.10.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 15 t'April 2024 fil-5:30pm

Il-Laqgħa ntemmet fid-9:00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar<br>Segretarju Eżekuttiv | ikkonfermati<br>Darren Abela<br>Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 73**

**Mozzjoni Ref:** 73-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 72

**Rose Agius**
**Proponent**

**Keith Fenech**
**Sekondant**

**Data:** 12 ta' Marzu 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 73**

**Mozzjoni Ref:** 73-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 73-08

**Christine Dalli**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

---

**Data:** 12 ta' Marzu 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**